MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 1004/2002

Kawza fil-lista: 17

**A B**
**Vs**
**C B, assenti kif rapprezentat mill-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja nominati kuraturi deputati b' digriet ta' l-4 ta' April 2006**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-attrici zzewwget lil-konvenut fir-Registru Pubbliku Ghawdex nhar l-ghaxra ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (10/01/2002).

U peress illi dan iz-zwieg da parti tal-konvenut kien wiehed ta’ konvenjenza, tant illi dan iz-zwieg dam biss hmistax il-jum, meta l-konvenut kecca lill-attrici l-barra mid-dar.

U peress illi dan iz-zwieg kien wiehed simulat miz-zewg partijiet fiz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni.

U peress illi minhabba dan, hemm ragunijiet sufficjenti sabiex dan iz-zwieg jigi dikjarat null u qisu qatt ma sehh.

U peress illi l-attrici trid tirreverti ghal kunjom xbubitha cioe kunjomha jerga’ jibda jidher D u mhux aktar B.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Ma ghandhiex tiddikjara illi z-zwieg li sehh bejn il-partijiet fir-Registru Pubbliku, Ghawdex nhar l-ghaxra ta’ Jannar tas-sena elfejn u tnejn (10/01/2002), kien wiehed simulat, u l-kunsens moghti fih miz-zewgt partijiet fiz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni.
2. Tiddikjara dan iz-zwieg bhala null u qisu qatt ma sehh.

3. Tawtorizza lil attrici tirreverti ghal kunjom xbubitha cioe kunjomha jerga’ jibda jidher D u mhux aktar B.

Bl-ispejjez kollha nkluza vat, u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew:

Illi huma ma humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirriservaw illi jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jkunu edotti mill-fatti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg kuntrattat bejnha u bejn l-assenti C B huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat fit-termini ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255, u dak tal-konvenut assenti huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-istess Artikolu.

Il-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi u taghtiha affidament.

Mill-provi rrizulta li fl-10 ta’ Jannar 2002 l-attrici zzewwget lil C B, ta’ nazzjonalita’ Libjana, wara li kienet ilha tafu biss circa disa’ [9] xhur; u dan fuq insistenza ta’ dan ta’ l-ahhar peress li kien skadielu l-permess li jibqa’ Malta. Wara circa hmistax [15] il-gurnata mill-imsemmija data, C B informa lill-attrici li kien iltaqa’ ma tfajla u taha wicc, u di fatti insista li jgibha u jdhahhala fid-dar matrimonjali, bir-rizultat li l-attrici telqet mid-dar wara xahar miz-zwieg u wara hafna glied, u theddid da parti ta’ l-istess C. L-attrici rrakkontant ukoll li l-konvenut, ghalkemm kien jahdem, qatt ma kien jaghtiha flus.

Dawn il-fatti jinsabu konfermati mill-attrici, u mix-xhieda taghha, u mhumiex kontradetti mill-konvenut.

Illi f’ dan il-kaz il-Qorti tirravviza s-simulazzjoni da parti ta’ l-assenti C B, fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-Artikolu precitat, ghax jirrizulta manifest li dan, ghalkemm esternament ghadda minn cerimonja ta’ zwieg civili, internament, b’ att posittiv tal-volonta’ tieghu eskluda obbligi essenzjali ghall-hajja matrimonjali, primarjament dak tal-esklusivita’ u tal-fedelta’. Jidher car li l-uniku skop li ghalih C B dahal f’ dan iz-zwieg kien sabiex jassigura ghalih innifsu permess ghas-soggjorn f’ Malta, u zgur li ma kellhux l-intenzjoni li jghix il-hajja matrimonjali ma’ l-attrici.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici; u tiddikjara li z-zwieg li sehh bejn il-partijiet fl-10 ta’ Jannar 2002 huwa null u bla effett fil-ligi fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255 u li konsegwentement l-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha.

L-ispejjez jkunu a kariku tal-konvenut assenti, izda provvizorjament dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------